

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Ottubru 2008

dwar l-għoti ta' għajnuna mill-istat għall-emerġenzi mill-awtoritajiet ta' Ċipru sabiex jittaffew il-konsegwenzi tan-nixfa fl-2007/2008 fis-settur agrikolu

(2008/853/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 88(2), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba magħmula mill-Gvern ta' Ċipru fid-19 ta' Settembru 2008,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Settembru 2008, Ċipru ppreżenta lill-Kunsill talba għal deċiżjoni in linja mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 88(2) tat-Trattat li tiddikjara li l-pjan ta' Ċipru sabiex jagħti għajnuna nazzjonali lill-bdiewa Ċiprijotti milquta min-nixfa estrema sabiex tippermettilhom li jibdew iċ-ċiklu ta' produzzjoni tal-istaġun li ġej hu kompatibbli mas-suq komuni.

(2) Ċipru ffaċċja t-tieni nixfa l-aktar severa u l-aktar twila sa mill-1900, minħabba nuqqas ta' xita fl-2007 u l-2008, b'Awwissu tal-2008 jkun l-aktar xahar sħun fl-aħħar deċennju u l-preċipitazzjoni minn Jannar sa Awwissu 2008 tkun biss 50 % tal-livelli normali.

(3) In linja mad-data preliminari rigward il-ħsad tal-2008, 95 % taż-żoni li jipproduċu ċ-ċereali ma raddu l-ebda ħsad, filwaqt li l-produzzjoni tal-għalf naqset b'mod daqs-hekk drastiku li anqas biss kopriet il-bżonnijiet minimi tal-għalf għall-annimali li jixtaru.

(4) Minn kwantità ta' madwar 150 miljun m³ jew 54,7 % tal-kapaċità fl-aħħar tal-2005, in-netwerk tad-diegi ta' Ċipru bħalissa fih biss 11-il miljun m³ jew 4 % tal-kapaċità totali, li obbliga lill-awtoritajiet jirrazzjonaw il-provvista tal-ilma għal finijiet ta' irrigazzjoni b'mod strett fil-bidu tal-2007 u li jniżżluha għal xejn fl-2008.

(5) Dawn il-danni għandhom ikunu kkunsidrati bħala aktar serji u eċċezzjonali meta jitqies li Ċipru implimenta għodod effettivi għall-ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet. B'mod partikolari, Ċipru japplika tekniki ta' irrigazzjoni mtejbja fi kważi 95 % taż-żona irrigata u introduċa politiki tariffarji għall-ilma u miżuri punittivi biex jiskoraġixxi l-konsum u t-telf eċċessivi tal-ilma, kif ukoll ippromwova u pprova inċentivi għall-installazzjoni ta' sistemi għar-riċiklaġġ tal-ilma fid-djar. Barra minn hekk, il-Programm Nazzjonali ta' Ċipru għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013 diġà jinkludi numru ta' miżuri biex jittejjeb l-użu tal-ilma.

(6) Minħabba li d-dħul tal-bdiewa Ċiprijotti affettwati min-nixfa naqas drastikament, huma qed jiffaċċjaw ir-riskju serju li ma jkollhomx il-mezzi finanzjarji biex jilhqqu l-bżonnijiet immedjati tal-familji tagħhom u biex jibdew staġun ġdid, li jwassal għal periklu imminenti ta' abbandun tal-art, erożjoni tal-ħamrija u deżertifikazzjoni.

(7) L-għajnuna mill-istat li ser tingħata tammonta għal EWR 67.5 miljun u tkun tibbenefika 34 000 bidwi eliġibbli u 3 000 allevatur tal-bhejjem.

(8) Sabiex tkun effettiva, l-għajnuna mill-istat għandha tingħata u tkun aċċessibbli għall-bdiewa kemm jista' jkun malajr.

- (9) Il-Kummissjoni f'dan l-istadju għadha ma tatx opinjoni dwar in-natura u l-kompatibbiltà tal-ghajjnuna.
- (10) Għalhekk jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali, li jagħmluha possibbli li tkun ikkunsidrata għajjnuna b'hal din, permezz ta' deroga u sakemm hu strettament meħtieġ biex tkun rimedjata s-sitwazzjoni ta' emerġenza li rriżultat, biex tkun kompatibbli mas-suq komuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ghajjnuna addizzjonali eċċezzjonali mill-awtoritajiet Ċiprijotti lis-settur agrikolu, li tammonta għal massimu ta' EWR 67.5 miljun, għandha tkun ikkunsidrata b'halha kompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmula fil-Lussemburgu, 20 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

J.-L. BORLOO
